Nru. 91 – Ottubru – Diċembru 2018

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni Radju Marija (Malta)

Żommli JDEJJA

Żommli JDEJJA

Editorjal

“Żommli jdejja!” hekk kienet tgħidli ommi meta kont żgħir, speċjalment meta konna mmorru sal-Belt. Meta nara xi omm b’xi tfal żgħar b’idejhom fidha, niftakar f’ommi u fis-sbuħija tat-tfulija.

Meta niftakar f’dan niftakar ukoll fi kliem Kristu li min hu bħat-tfal jidħol fis-saltna tas-sema. U kif tkun tifel u tifla spiritwalment? Naħseb li aħjar mir-Rużarju ma hawnx! Iva ħbieb tiegħi, f’dan ix-xahar ta’ Ottubru agħmlu l-ħila tagħkom biex tiskopruh. Kif?

L-ewwel iftaħ idejk u ressaqha lejn Ommok tas-Sema biex iżommhielek f’idejha... dan agħmlu llum stess, ibda żomm fuqek kuljum il-kuruna tar-Rużarju.

Filgħaxija tinsihiex u aqbad idejk f’tagħha biex traqqdek fi ħdana u għalhekk daħħal fis-sodda miegħek il-Kuruna tar-Rużarju. Kieku taf kemm ikollhom kuraġġ dawk l-anzjani li tarahom bil-kuruna f’idejhom għalkemm qegħdin morda fis-sodda, għax dejjem hekk draw u jafu li fis-solitudni u fl-uġigħ, il-Madonna dejjem magħhom. Mhux ta’ b’xejn ikunu kalmi u bit-tbissima!

F’dan ix-xahar ipprova tfallihiex din it-talba. Jekk qatt ma tlabtha u qiegħed tipprova u għandek ma tistax, tħabbilx rasek, illum għid ħamsa, darb’oħra għid għaxra u tara kif ftit, ftit jibda jsir parti minn ħajtek. Issa għaxra... issa tletin u issa ħamsin darba. Jaqaw int meta twelidt bdejt tiekol ikel solidu mill-ewwel?

Tinsiex meta tkun qiegħed bil-kuruna tar-Rużarju f’idejk, qisek għandek idejk f’idejn Ommok tas-Sema. Tistħix minn Ommok! Jien rajt nisa u rġiel kbar mexjin fit-triq ma’ ommom iżommuhom f’idejhom għax kienu anzjani; u dawn ma jistħux minn dan. M’għandekx għalfejn tistħi minn Ommok, minn Ommok tas-Sema.

Kien hemm raġel adult fuq ferrovija dejjem bil-kuruna f’idejh. Meta staqsew min kien, u qalulhom li dak ir-raġel kien Louis Pasteour baqgħu mbellhin, għax dan kien xjenzat kbir Franċiż. Tistħix minn din il-mara kbira għax ma hawn ħadd akbar minnha.

Isma’ l-vuċi tal-Madonna li ssejjaħlek permezz ta’ Radju Marija u bi ħlewwa u sodizza tgħidlek: “Żommli jdejja!”. Isejjaħlek permezz tar-Radju tagħha, erba’ darbiet kuljum biex taqbad il-kuruna tar-rużarju, biex taqbad idejha u hekk tkun tista’ twassalna lejn Ġesù kuljum, twassalna lejn dak li hu ta’ ġid għalina qalb il-folla, qalb l-istorbju u l-inkwiet. Twassalna lejn is-sema qalb it-tentazzjonijiet u taħbit ta’ dan il-wied tad-dmugħ.

Ma’ Radju Marija bil-kuruna f’idejna, Il-post tal-ġenna joqrob aktar lejna.

Aktar żviluppi fl-istudios il-ġodda ta' **Radju Marija**

Mill-bidu ta' Frar 2018, ix-xogħlijiet fl-istudios il-ġodda qabdu ritmu tajjeb u wara tant impenji ma' entitajiet differenti, issa nistgħu ngħidu li l-kostruzzjoni hija lesta bħala binja u saru aktar żviluppi matul ix-xhur tas-sajf, fejn rajna t-tqegħid tal-*membrane* fuq il-bjut kollha u t-tikħil fil-partijiet tan-naħa ta' ġewwa. Immedjatament beda x-xogħol komplessiv tal-*M & E*, jiġifieri s-sistema *3 phase* tad-dawl u dik tal-ilma u l-inġinerija meħtieġa, partikolarment fis-sular tal-istudios. Ma' dawn hemm ukoll is-sistema kollha tal-arja kkundizzjonata, ċirkolazzjoni tal-arja u apparat ieħor ta' sigurtà. Nittamaw li ma jdumx ma tingħalaq din it-tip ta' ħidma sabiex ngħaddu għall-fażi li jkun imiss, dik ta' kisi bil-*gypsum* u t-tqegħid ta' madum tal-art.



Fr Antoine Borg, Direttur ta' Radju Marija waqt li kkonsagra lilu nnifsu quddiem il-Madonna ta' Pinu nhar il-Ġimgħa 3 ta' Awwissu 2018

Ftit ritratti waqt il-Pellegrinaġġ ġewwa Medjugore, li sar flimkien mad-Direttur ta' Radju Marija Fr Antoine Borg u ma' Bridget Micallef u xi wħud mis-semmiegħa ta' Radju Marija. Fir-ritratti tidher ukoll il-Koordinatriċi ta' Radio Maria Medjugore flimkien ma' Fr Antoine Borg u d-Direttur ta' Radio Maria Medjugore flimkien ma' Bridget u Fr Antoine Borg.

Skeda tal-programmi
għal żmien il-ħarifa li tibda
t-Tnejn 1 ta' Ottubru u tintemm il-Ħadd 30 ta' Diċembru 2018

It-Tnejn

12.00am	Rużarju
12.30am	Għajn ta' ġid (rpt)
01.30am	Ritratti mill-album evanġeliku (rpt)
02.00am	Ħin in-novella (rpt)
02.30am	Għajnietna (rpt)
03.00am	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.20am	Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż
03.40am	Rużarju tal-Erwieħ
04.00am	Rużarju
04.30am	Għannu lil Ismu (rpt)
05.30am	Labirint, it-tiftixxa t'Alla (rpt)
06.00am	Qari mill-Iskrittura Mqaddsa (rpt)
06.30am	Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti
07.00am	Rużarju
07.30am	Quddiesa
08.00am	Anġelus u Kuntatt sal-11am
11.00am	Ara Ommok
12.00pm	Anġelus u Rużarju
12.30pm	Rużarju tal-Erwieħ
01.00pm	Qari tar-rumanz
01.30pm	Għidli Father
02.30pm	Fix-xebh tiegħu
03.00pm	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.30pm	Irwiefen u fjammi
04.00pm	Fl-iskola ta' San Piju ta' Pietralċina
05.00pm	Vjaġġ mużikali
06.00pm	Anġelus u Rużarju
06.30pm	Quddiesa
07.00pm	Għasar
07.15pm	Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi
07.30pm	Aħbarijiet minn Radio Vaticana
08.00pm	Mur sewwi l-Knisja tiegħi
08.30pm	Qari ta' rumanz (rpt)
09.00pm	Inbid ġdid
10.00pm	Inti f'salib it-toroq?
11.00pm	Il-Vanġelu tal-ġurnata (rpt)
11.30pm	Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi (rpt)
11.50pm	Kompjeta

It-Tlieta

12.00am	Rużarju
12.30am	Sejjaħli u jien inwieġbek (rpt)
01.30am	Il-Qaddisin ta' żminijietna (rpt)
02.00am	Papa Pawlu VI (rpt)
02.30am	San Oscar Romero (rpt)
03.00am	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.20am	Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż
03.40am	Rużarju tal-Erwieħ
04.00am	Rużarju
04.30am	Qdusija fil-familja (rpt)
05.30am	Vuċi missjunarja (rpt)
06.30am	Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti
07.00am	Rużarju
07.30am	Quddiesa
08.00am	Anġelus u Kuntatt sal-11am
11.00am	Kunu xhieda tiegħi
12.00pm	Anġelus u Rużarju
12.30pm	Rużarju ta' San Mikiel
01.00pm	Tiżwiqa mużikali
02.00pm	Jiena hu l-Ħobz tal-Ħajja
03.00pm	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.30pm	Il-Parabboli ta' Ġesù
04.00pm	Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, tgħallimna
04.30pm	Ħin in-novella
05.00pm	Vjaġġ mużikali
06.00pm	Anġelus u Rużarju
06.30pm	Quddiesa
07.00pm	Għasar
07.15pm	Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi
07.30pm	Aħbarijiet minn Radio Vaticana
08.00pm	Kont marid u ġejt iżżurni
09.00pm	Għidli Father (rpt)
10.00pm	Kunu x-xhieda tiegħi (rpt)
11.00pm	Il-Vanġelu tal-ġurnata (rpt)
11.30pm	Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi (rpt)
11.50pm	Kompjeta

L-Erbgħa

12.00am	Rużarju
12.30am	Nixtarru Kitbet San Ġorġ Preca (rpt)
01.30am	Klassiċi u sagri (rpt)
02.30am	Naturali (rpt)
03.00am	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.20am	Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż
03.40am	Rużarju ta' San Ġużepp
04.00am	Rużarju
04.30am	Irwiefen u fjammi (rpt)
05.00am	Fl-iskola ta' San Piju ta' Pietralċina (rpt)
06.00am	Mur sewwi l-Knisja tiegħi (rpt)
06.30am	Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti
07.00am	Rużarju
07.30am	Quddiesa
08.00am	Anġelus u Kuntatt sal-11am
11.00am	Tifkiriet ta' nostalġija
12.00pm	Anġelus u Rużarju
12.30pm	Rużarju ta' San Ġużepp
01.00pm	Qari mill-Iskrittura Mqaddsa
01.30pm	Mill-għolja ta' Taizè
02.00pm	Il-Qalb tiegħi tirbaħ
03.00pm	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.30pm	Il-miraklu ta' Radju Marija
04.00pm	Lejn fejqan mir-regħba għall-flus u x-xehħa
04.30pm	San Oscar Romero (rpt)
05.00pm	Vjaġġ mużikali
06.00pm	Anġelus u Rużarju
06.30pm	Quddiesa
07.00pm	Għasar
07.15pm	Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi
07.30pm	Aħbarijiet minn Radio Vaticana
08.00pm	Għejjun ta' ilma frisk u dejjem ħaj
08.30pm	Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati
09.00pm	Għajn ta' ġid
10.00pm	Sejjaħli u jien inwieġbek
11.00pm	Il-Vanġelu tal-ġurnata (rpt)
11.30pm	Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi (rpt)
11.50pm	Kompjeta

Ħamis

12.00am	Rużarju
12.30am	Ara Ommok (rpt)
01.30am	Mill-għolja ta' Taizè (rpt)
02.00am	Għejjun ta' ilma frisk u dejjem ħaj (rpt)
02.30am	Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt)
03.00am	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.20am	Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż
03.40am	Rużarju tal-Erwieħ
04.00am	Rużarju
04.30am	Il-Parabboli ta' Ġesù (rpt)
05.00am	Inbid ġdid (rpt)
06.00am	Irwiefen u fjammi (rpt)
06.30am	Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti
07.00am	Rużarju
07.30am	Quddiesa
08.00am	Anġelus u Kuntatt sal-11am
11.00am	Ieqaf u isma' din!
12.00pm	Anġelus u Rużarju
12.30pm	Rużarju tal-Erwieħ
01.00pm	Mużika Country b'ispirazzjoni
02.00pm	Ritratti mill-album evanġeliku
02.30pm	Qaddisin ta' żminijietna
03.00pm	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.30pm	Rumanz; Qari minn Alfred Mallia

04.00pm	Mid-djarju tal-Papa
05.00pm	Vjaġġ mużikali
06.00pm	Anġelus u Rużarju
06.30pm	Quddiesa
07.00pm	Għasar
07.15pm	Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi
07.30pm	Aħbarijiet minn Radio Vaticana
08.00pm	Monasteri fi Franza (rpt)
09.00pm	Qdusija fil-familja
10.00pm	Klassiċi u sagri
11.00pm	Il-Vanġelu tal-ġurnata (rpt)
11.30pm	Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi (rpt)
11.50pm	Kompjeta

Il-Ġimgħa

12.00am	Rużarju
12.30am	Tifkiriet ta' nostalġija (rpt)
01.30am	Jien hu l-ħobż tal-ħajja (rpt)
02.30am	It-Tabib tar-ruħ (rpt)
03.00am	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.20am	Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż
03.40am	Rużarju tad-Duluri
04.00am	Rużarju
04.30am	Magazine (rpt)
06.30am	Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti
07.00am	Rużarju
07.30am	Quddiesa
08.00am	Anġelus u Kuntatt sal-11am
11.00am	Vanġelu ħaj
12.00pm	Anġelus u Rużarju
12.30pm	Rużarju tad-Duluri
01.00pm	Qari tar-rumanz
01.30pm	Naturali
02.00pm	Papa Pawlu VI
02.30pm	Labirint, it-tiftixxa t'Alla
03.00pm	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.30pm	Mill-ħajja tat-tfal
04.30pm	Fejn hemm Ġesù hemm Marija
05.00pm	Vjaġġ mużikali
06.00pm	Anġelus u Rużarju
06.30pm	Quddiesa
07.00pm	Għasar
07.15pm	Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi
07.30pm	Aħbarijiet minn Radio Vaticana
08.00pm	San Oscar Romero
08.30pm	Qari tar-rumanz (rpt)
09.00pm	Vuċi missjunarja
10.00pm	Qari mill-Iskrittura Mqaddsa (rpt)
10.30pm	Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, tgħallimna (rpt)
11.00pm	Il-Vanġelu tal-ġurnata (rpt)
11.30pm	Bulettin ta' aħbarijiet reliġjużi (rpt)
11.50pm	Kompjeta

Is-Sibt

12.00am	Rużarju
12.30am	Mużika Country b'ispirazzjoni (rpt)
01.30am	Inti f'salib it-toroq? (rpt)
02.30am	Mur sewwi l-Knisja tiegħi (rpt)
03.00am	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.20am	Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż
03.40am	Rużarju tal-Erwieħ
04.00am	Rużarju
04.30am	Mid-djarju tal-Papa (rpt)
05.30am	Il-Qalb tiegħi tirbaħ (rpt)
06.30am	Rużarju ta' San Mikiel bil-Malti
07.00am	Rużarju
07.30am	Quddiesa
08.00am	Anġelus u Kuntatt (sa l-10.00am)
10.00am	Monasteri fi Franza
11.00am	Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca
12.00pm	Anġelus u Rużarju
12.30pm	Rużarju tal-Erwieħ
01.00pm	Magazine
03.00pm	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.30pm	Kireh u bileh!
04.30pm	It-Tabib tar-ruħ
05.00pm	Vuċi missjunarja (rpt)
06.00pm	Anġelus u Rużarju
06.30pm	Quddiesa
07.15pm	Għasar
07.30pm	Ritratti mill-album evanġeliku (rpt)
08.00pm	Vanġelu ħaj (rpt)
09.00pm	Għannu lill-ismu
10.00pm	Rumanz; Qari minn Alfred Mallia (rpt)
10.30pm	Għanjietna
11.00pm	Lejn fejqan mir-regħba għall-flus u x-xeħħa (rpt)
11.50pm	Kompjeta

Il-Ħadd

12.00am	Rużarju
12.30am	Ieqaf u isma' din (rpt)
01.30am	Tiżwiqa mużikali (rpt)
02.30am	Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati (rpt)
03.00am	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.20am	Rużarju ta' San Mikiel bl-Ingliż
03.40am	Rużarju tal-Erwieħ
04.00am	Rużarju
04.30am	Kont marid u ġejt iżżurni (rpt)
05.30am	Vanġelu ħaj (rpt)
06.30am	Fejn hemm Ġesù hemm Marija
07.00am	Quddiesa
08.00am	Anġelus u Kuntatt (sa nofsinhar)
12.00pm	Anġelus u Rużarju
12.30pm	Rużarju tal-Erwieħ
01.00pm	Kireh u bileh! (rpt)
02.00pm	Għalik li temmen
03.00pm	Kurunella tal-Ħniena Divina
03.30pm	Għanjietna (rpt)
04.00pm	Ieqaf u isma' din (rpt)
05.00pm	Il-qalb tiegħi tirbaħ! (rpt)
06.00pm	Anġelus u Rużarju
06.30pm	Għasar
07.00pm	Mill-ħajja tat-tfal (rpt)
08.00pm	Fix-xebh tiegħu (rpt)
08.30pm	Papa Pawlu VI (rpt)
09.00pm	Magazine (rpt 2)
11.00pm	Qaddisin ta' żminijietna (rpt)
11.50pm	Kompjeta

Appuntamenti fissi fuq Radju Marija għall-iskeda tal-ħarifa 2018

Quddiesa:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: fis-7.30am u fis-6.30pm
Nhar ta' Sibt : fis-7.30am u fis-6.30pm
Nhar ta' Ħadd: fis-7.00am u fl-10.00am

Ir-Rużarji:

Ir-Rużarju Mqaddes: f'12:00am, fl-4.00am, fis-7.00am, f'12.00pm, fis-6.00pm
Ir-Rużarju tad-Duluri: Kull nhar ta' Ġimgħa fl-3.40am u fin-12.30pm
Ir-Rużarju ta' San Ġużepp nhar ta' Erbgħa fl-3.40am u fin-12.30pm
Ir-Rużarju tal-Erwieħ: kuljum fl-3.40am u fin-12.30pm (minbarra nhar ta' Tlieta, Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa)
Ir-Rużarju ta' San Mikiel kuljum, bl-Ingliż fit-3.20am u bil-Malti fis-6.30am (minbarra l-Ħadd) u fin-12.30pm nhar ta' Tlieta

L-Anġelus:

Kuljum fit-8.00am, f'12.00pm u fis-6.00pm qabel ir-Rużarju
Kurunella tal-Ħniena Divina Kuljum fit-3.00am u fit-3.00pm

Liturġija tas-sigħat: kuljum:

Tifħir tas-sbieħ il-jum: fit-8.15am
Għasar: fis-7.00pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa u fis-7.15pm is-Sibt u fis-6.30 il-Ħadd
Kompjeta għall-miżżewġin: fil-11.15pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa
Talb ta' għeluq il-jum: f'11.50pm
Bulettin tal-Aħbarijiet mid-dinja Kattolika: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fil-7.15pm b'ripetizzjoni fil-11.30pm
L-aħħar Aħbarijiet minn Radju Vatikan bl-Ingliż: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fis-7.30pm

Ftit mill-programmi ġodda li ser jixxandru fl-iskeda tal-ħarifa,

bejn it-Tnejn 1 ta' Ottubru sal-Ħadd 30 ta' Diċembru 2018

Monasteri fi Franza

Preżentazzjoni ta'
Alison Cuschieri

Jixxandar kull nhar ta'
Sibt fl-10.00am u jkollu ripetizzjoni

Programm li se jittratta l-kultura ta' Franza fejn se nsemmu l-ikel, id-drawwiet u l-monasteri wkoll. Se nitkellmu u niddiskutu flimkien waqt il-programm: **IL-MONASTERI FI FRANZA** u forsi min jaf, fl-aħħar tal-iskeda nagħmlu xi vjaġġ lejn dawn il-monasteri wkoll. Mela kunu miegħi Alison, għal dan il-programm li se jibda f'din l-iskeda.

San Oscar Romero; il-vuċi għal min ma kellux vuċi

Preżentazzjoni ta' Robert Aloisio

Jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fit-8.00pm u jkollu ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-2.30am u l-Erbgħa fl-4.30pm

Programm fl-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni tal-Arċisqof ta' El Salvador, Monsenjor Oscar Romero, assassinat fuq l-artal f'Marzu tal-1980. Nhar il-Ħadd 14 ta' Ottubru 2018, se tkun iċċelebrata waħda mill-ikbar kanonizzazzjonijiet tal-bidu tas-Seklu Għoxrin. L-Arċisqof Oscar Romero se jkun iddikjarat qaddis minn Papa Franġisku. Ġrajja li kienet ilha tinħema kważi erbgħin sena. Fil-programm se nisimgħu recordings tal-vuċi ta' Romero u qari mill-ktieb *Qatlu lill-Arċisqof – il-ġrajja vera ta' Oscar Romero*, l-ewwel ktieb bil-Malti dwar San Oscar Romero, xogħol ta' Robert Aloisio li għamel riċerka estensiva fuq is-suġġett.

Santa Tereża tal-Bambin Ġesù tgħallimna

Preżentazzjoni ta' Sr Teresa Camilleri

Jixxandar kull nhar ta' Tlieta fl-4.00pm u jkollu ripetizzjoni kull nhar ta' Ġimgħa fl-10.30pm

Il-programm se jfehimna dwar din il-qaddisa tal-akbar sempliċità fl-istess ħin personaġġ ta' dehen u għaqal kbir. Qaddisa ta' karattru sod u rieda tal-azzar, tal-akbar telqa u fiduċja f'Alla. Imsejħa l-QADDISA TAL-WARD, dak il-ward li ta l-fwieħa u l-ġmiel tiegħu lil Kristu u lill-Knisja waqt li żammet għaliha x-xewk taz-zokk tiegħu. Se nagħrfu li propju hawn jinsab il-kobor taċ-ċkejkna Tereża: illi biex waslet biex tgħamel hekk hija batiet u ssieltet, għax qaddisa, mhux twieldet, imma saret bil-ħidma tagħha megħjuna dejjem mill-grazzja ta' Alla. Dan il-programm hu stedina għalik biex iħeġġek ħa tintelaq f'Alla bl-istess imħabba u fiduċja li kellha din il-qaddisa.

Mill-għolja ta' Taize

Preżentazzjoni ta' Dr Patricia Micallef

Jixxandar kull nhar ta' Erbgħa fis-1.30pm b' ripetizzjoni kull nhar ta' Ħamis fis-1.30am

Il-programm Mill-għolja ta' Taizé, ilaqqagħna ma' *Brother* Roger, il-fundatur tal-komunità ekumenika li ħadet isimha minn dan ir-raħal Franċiż li fih twaqqfet. Fih se naraw mhux biss il-ħajja intensa ta' dan il-*brother* imma wkoll l-ispiritwalità tiegħu. Dan il-programm se joffrilna r-riflessjonijiet ta' *Brother* Roger fuq temi bħat-talb, it-tfal, iż-żgħażagħ u l-komunjoni fil-Knisja, aspetti li għadhom rilevanti għall-Insara tal-lum, u jagħtina wkoll togħma tal-kant u t-talb ta' Taizé.

Għidli Father

Preżentazzjoni ta' Maria Lewis

Jixxandar kull nhar ta' Tnejn fis-1.30pm u jkollu ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fid-9.00pm

F'dan il-program niltaqgħu ma' saċerdot differenti kull ġimgħa u nsiru nafuh aktar mill-qrib - xi mumenti sinifikanti f'ħajtu, memorji ta' tfulitu u taż-żgħożija tiegħu, esperjenzi li għadda minnhom matul il-vjaġġ tas-saċerdozju, id-delizzji u l-aspirazzjonijiet personali tiegħu. Ma jistax jonqos ukoll xi messaġġ pożittiv għas-semmiegħa. Il-mistieden tal-program jagħżel silta mużikali u jispjega għaliex hija sinifikanti għalih.

Lejn fejqan mir-regħba għall-flus u x-xeħħa

Preżentazzjoni ta' Fr David Borg

Jixxandar kull nhar ta' Erbgħa fl-4.00pm u jkollu ripetizzjoni s-Sibt fil-11.00pm

Minn fejn ġej il-vizzju tar-regħba għall-flus u x-xeħħa? Nistgħu negħlbuh dan il-vizzju? Kif infiqu minnu, b'metodu Nisrani? Dan kollu se jiġi ttrattat f'serje ta' programmi ta' nofs siegħa kull wieħed. L-ewwel se niddeskrivu l-*vizzju* b'mod ġenerali, biex nifhmu aħjar x'inhu u x'mhuwiex, kif jista' jolqotna, u fejn jidħol id-dnub. Imbagħad se nanalizzaw fil-fond minn fejn dal-vizzju jista' jkun ġej, jiġifieri nidħlu fil-*kawżi* kumplessi, dawk li jidhru u dawk moħbija. Inkomplu nimxu billi naraw ukoll l-*effetti* ta' ħsara li jistgħu jinqalgħu. Wara, nesponu l-mezzi li bihom wieħed jista' *jfiq*, u b'hekk jasal għal ħelsien sħiħ u l-paċi tal-qalb. Ikun hemm ukoll ħin għad-domandi tagħkom.

Fix-xebh tiegħu

Preżentazzjoni ta' Joe Micallef

Jixxandar kull nhar ta' Tnejn fis-2.30pm u jkollu ripetizzjoni kull nhar ta' Ħadd fit-8.00pm

Meta l-ħajja mqanqla tal-lum tqiegħed quddiem il-bniedem għażliet tqal u tibgħat sinjali mħawda, iqum il-bżonn li wieħed jagħraf x'għandu jagħmel u kif l-aħjar iġib ruħu.

Imfassal fuq ix-xogħol magħruf tas-saċerdot Tumas a' Kempis, il-programm 'Fix-Xebh Tiegħu' hu maħsub li jservi ta' mixja ta' riflessjoni u talb għas-semmiegħ li jrid jiltaqa' ma' Ġesu' aktar mill-qrib u f'għaqda miegħu.

Maratona b'risq il-proġett ta' Radju Marija bejn il-Ġimgħa 26 u l-Ħadd 28 ta' Ottubru, 2018

Salm 127:1 "Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja..."

Tista' tgħin billi tibgħat sms għal valur ta'

€4.66 fuq in-numru 50618063 jew

€11.65 fuq in-numru 50619278

Jew tista' ċċempel fuq:

51502045 għal donazzjoni ta' €5

51602046 għal donazzjoni ta' €10

51802047 għal donazzjoni ta' €25

Tibdil fil-ħinijiet ta' ftuħ tar-Reception ta' Radju Marija għal matul il-ħarifa;

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mid-9.00am sas-6.00pm

Is-Sibt u l-Ħadd
mid-9.00am sat-5.00pm

Kif tista' tgħin lil Radju Marija finanzjarjament:

- Billi tagħti donazzjoni fir-reception ta' Radju Marija, Kunvent Patrijiet Dumnikani, ir-Rabat Malta
- Billi tagħti donazzjoni l-Catholic Bookshop fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid, Simiana Stationery tas-Sliema kif ukoll fil-Librerija Preca, Blata l-Bajda.
- Billi tibgħat ċekk jew money order bil-posta, pagabbli lil Radju Marija, PO Box 19, ir-Rabat, RBT 1230
- Permezz ta' SMS tista' tagħti donazzjoni ta' €4.66 billi tibgħat SMS fuq in-numru 50618063 jew inkella tibgħat SMS fuq 50619278 għal donazzjoni ta' €11.65.
- Tista' tiddepożita d-donazzjoni tiegħek f'wieħed mill-kontijiet li Radju Marija għandu fil-banek APS, HSBC u BOV:

Assoċjazzjoni Radju Marija

APS IBAN:
MT31 APSB 7705 7006 0638 2000 0834 148
A/C ACCOUNT NO: 20000834 14-8

HSBC IBAN:
MT05MMEB44587000000058030875050
A/C ACCOUNT NO: 058-030875-050

BOV IBAN:
MTO9VALL2201 30000000 14609142012
A/C ACCOUNT NO: 14609142012

Dejjem ara li tingħata rċevuta mill-Bank għal kull donazzjoni.

Kalendarju 2019

Il-prezz huwa ta'

€3.50 BiSS

Għal aktar informazzjoni tistgħu ċċemplu 2145 3105

Desk Calendar b'xejn

Servizzi offruti minn **Radju Marija**

Avviżi komunitarji mxandra kuljum

Radju Marija jistieden lil dawk il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom li jkunu se jorganizzaw, fuq Radju Marija biex jibagħtuhom sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel ma tkun ser isseħħ l-attività. Dawn għandhom jintbagħtu idealment b'email fuq info.mal@radiomaria.org.

L-attivitajiet avżati għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni Nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' fundraising fosthom bazaars. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija kemm-il darba jixxandar l-avviż.

Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru mit-Tnejn sal-Ġimgħa fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, nhar ta' Sibt u festi pubbliċi fit-8.00am biss u l-Ħadd fit-8.00am u fil-11.55am. Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jċempel fil-ħinijiet tal-uffiċċju fuq 21453105 u jistaqsi għal Michael Amato jew Moira Bugeja. Importanti li l-avviżi jkunu ttajpjati u jiġu ppreżentati fir-reception ta' Radju Marija bejn: it-Tnejn u l-Ħadd fil-ħinijiet rispettivi tal-ftuħ. Min jippreżenta l-avviż irid ukoll il-karta tal-identità tiegħu. Ma jistgħux jiġu aċċettati avviżi permezz tat-telefon jew b'sms.

Agħmel kuntatt ma' **Radju Marija**

Indirizz postali: **Radju Marija, PO Box 19, ir-Rabat RBT1230**

Telefon uffiċċju: **2145 3105** - Telefon studio: **2145 3106**

SMS studio: **7979 1023**

Telefon promozzjonali (fuljetti): **2145 3375**

Indirizz elettroniku promozzjonali: **promotion.mal@radiomaria.org**

Indirizz elettroniku: **info.mal@radiomaria.org**

Websajt: **www.radjumarija.org**

jew sibna fuq **Radju Marija Malta**

RADJU MARIJA
www.radjumarija.org 102.3FM/107.8FM